**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Rikors Numru: 187/2020 RM**

**Managing Consulting Service Industry (MSCI) Limited**

**-Vs-**

**Karl Stagno Navarra**

**Illum, 14 ta' Ġunju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjeta` attrici Managing Consulting Service Industry (MSCI) Limited fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Ottubru 2020, fejn talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sebat elef tliet mija u tliet Euro u wiehed u disghin centezmu (€7,303.91) servizzi li gew ipprovduti lilu, liema somma hija certa, likwida u dovuta, hekk kif jirrizulta mill-fatturi annessi u mmarkati Dok. KSNA kif ukoll mill-istatement of account annessa u mmarkata Dok. KSNB, bl-imghax mid-data ta' kull fattura u bl-ispejjez.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O. il-Prim'Imhallef fit-23 ta' Novembru 2020[1] l-konvenut gie notifikat bir-Rikors promotur u bl-avviz tas-smigh tal-kawza fis-6 ta' Novembru 2020;

Rat illi l-kawza giet appuntata ghas-smigh quddiem din il-Qorti kif preseduta ghall-11 ta' Jannar 2021;

Rat illi l-konvenut gie notifikat bir-Rikors promotur u l-avviz tas-smigh tal-kawza permezz tal-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan skont kif awtorizzat permezz ta' digriet moghti waqt is-seduta tal-11 ta' Jannar 2021;

Rat illi madanakollu, minkejja li gie debitament notifikat, il-konvenut baqa' ma deherx quddiem il-Qorti biex jikkontesta l-kawza u lanqas ma pprezenta ebda risposta in linea ta' kontestazzjoni;

Rat illi l-konvenut minkejja li nghata l-opportunita` li jressaq il-provi tieghu, naqas milli jaghmel dan;

Semghet ix-xhieda ta' Paul Degiorgio[2];

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-2 ta' Ġunju 2021;

Rat l-atti kollha;

[1] Fol. 30.

[2] Seduta tat-18 ta' Frar 2021.

Rat illi l-kawza giet imhollja ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi ghalkemm il-konvenut, debitament notifikat bir-Rikors promotur u l-avviz tas-smigh tal-kawza, baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher quddiem il-Qorti biex jikkontesta t-talba tas-socjeta` attrici fir-Rikors promotur, dan ma jfissirx li t-talba tal-attrici fl-istess Rikors huwa ppruvat. Kif inhu risaput, in-nuqqas ta' kontestazzjoni tat-talba attrici ma jitqiesx li hija ammissjoni tal-istess talba izda jitqies li huwa kontestazzjoni fiha nnifisha u konsegwentment, jibqa' jinkombi fuq l-attur l-oneru li jipprova l-kaz tieghu fil-grad probatorju mehtieg mil-ligi fil-kamp civili, cioe` li jikkonvinci lill-Qorti li fuq il-preponderanza tal-provi, il-kaz huwa ppruvat fuq bazi ta' bilanc ta' probabbilitajiet.

Illi mill-atti tal-kawza jirrizulta illi s-socjeta` attrici pprestat f'diversi okkazzjonijiet servizzi ta' tindif lill-konvenut matul il-perijodu bejn Settembru 2015 u Marzu 2016 u dan skont kif jirrizulta mill-fatturi esebiti fl-atti (Dok. KSNA). L-i*statement of account* (Dok. KSNB) mahrug fit-30 ta' Settembru 2020 juri li l-ammont totali dovut ghall-prestazzjoni ta' dawn is-servizzi huwa ta' €7,303.91, liema ammont qed jigi reklamat fir-Rikors promotur. Paul Degiorgio, direttur tas-socjeta` attrici, ikkonferma fix-xhieda tieghu illi l-kumpannija attriċi pprovdiet cleaning services lill-konvenut fuq medda ta' madwar sena u kienet toħroġ invoices lill-konvenut kull xahar, iżda għalkemm qatt ma kkontesta li l-ammont mitlub huwa dovut, il-konvenut ma baqa' qatt hallas xejn u l-ammont ta' €7,303.91 ghadu sal-lum dovut fl-intier tieghu.

Imbaghad, minn ezami tal-korrispondenza skambjata bejn il-konsulent legali tas-socjeta` attrici u l-konvenut permezz tal-posta elettronika (Dok. PD), jirrizulta b'mod pjuttost evidenti li l-konvenut mhux talli ma kkontestax il-korrettezza tal-ammont reklamat mis-socjeta` attrici ghas-servizzi rezi, talli

deher li accetta bla rizervi ta' xejn li l-ammont huwa dovut minnu. Kemm hu hekk, il-konvenut esprima diversi drabi matul l-iskambju ta' korrispondenza, id-disponibbilita` tieghu li jhallas l-ammont (ara fost ohrajn Dok. KSNE) u sahanistra offra li jaghmel dan permezz tal-hlas tas-somma ta' hames mitt Euro fix-xahar (ara Dok. KSNI).

Dawn il-provi ma gewx kontradetti mill-konvenut u fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi s-socjeta` attrici rnexxielha tipprova b'mod sodisfacjenti u fil-grad mehtieg fil-kamp civili, illi l-ammont reklamat minnha ta' €7,303.91 huwa dovut mill-konvenut.

<u>**Decide**</u>

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenut KARL STAGNO NAVARRA jhallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' sebat elef, tliet mija u tliet Euro u wiehed u disghin centezmu (€7,303.91) ghar-raguni indikata fir-Rikors promotur, bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez jithallsu mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**